MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Citazzjoni Numru. 2264/1998/1

Wayne u Helena konjuġi **CHETCUTI**

vs

Raymond **BORĠ**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-4 ta' Novembru, 1998, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi miżżewġin Chetcuti talbu li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet u effetti kollha tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000)[1] rappreżentanti

[1] Li jġibu €4,658.75 fi flus tal-lum

d-depożitu magħmul lilu minnhom għal appalt li ma wettaqx. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fis-27 ta' Jannar, 1999[2], għall-finijiet tal-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Frar, 1999[3], li bih tat lill-imħarrek il-fakulta' li jikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-3 ta' Frar, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni tal-atturi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni kif magħmula ma tiswiex għaliex l-atturi naqsu li jitolbu qabel xejn il-ħall tal-kuntratt (tal-appalt) jew li huwa jingħata żmien biex iwettaq l-appalt. Fil-mertu, laqa' billi ċaħad li huwa qatt irċieva xi ittra mingħandhom li temmet l-appalt, anzi kienu huma stess li tawh struzzjonijiet biex ikompli bix-xogħol mogħti, u għalhekk it-talba għall-ħlas lura tad-depożitu saret qabel waqtha. Żied jgħid li, f'kull każ, l-atturi ma kellhom l-ebda raġuni tajba biex iħassru l-appalt;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet quddiemha (diversament presjeduta) dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek;

Rat is-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tat-2 ta' Ottubru, 2000[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-11 ta' Ottubru, 2000, li bih laqgħet talba magħmula mill-imħarrek b'rikors tiegħu tad-9 ta' Ottubru, 2000, biex tħallih jappella mill-imsemmija sentenza preliminari;

Rat li l-imħarrek ma ressaq l-ebda appell kif minnu mitlub;

---

[2] Paġġ. 14 – 6 tal-proċess
[3] Paġ. 17 tal-proċess
[4] Paġġ. 120 – 3 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-10 ta' Ottubru, 2001[5], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza bil-fakulta' li l-partijiet iressqu sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Frar, 2002[6], li bih waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u ordnat li l-partijiet iressqu l-provi dwar jekk it-twaqqif tal-appalt min-naħa tal-atturi sarx għal raġuni tajba jew le għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2003[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2004[8], li bih ħalliet il-kawża *sine die* wara li l-ebda parti ma dehret għas-smigħ u l-ebda waħda minnhom ma kienet ressqet is-sottomissjonijiet tagħha fiż-żmien lilha mogħti;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Settembru, 2004, li bih reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ wara li l-atturi wrew li kienu se jressqu n-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-10 ta' Settembru, 2004[9];

Rat li l-imħarrek baqa' ma ressaqx Nota ta' Sottomissjonijiet minkejja li ngħata żmien imtawwal;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[5] Paġ. 130 tal-proċess
[6] Paġ. 132 tal-proċess
[7] Paġ. 150 tal-proċess
[8] Paġġ. 153 tal-proċess
[9] Paġġ. 156 – 8 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għar-radd lura ta' depożitu mħallas f'appalt wara li l-kommittenti ħallew l-istess appalt. L-atturi appaltanti kienu ftehmu mal-appaltatur imħarrek biex jagħmlilhom xi għamara għad-dar tagħhom u tawh depożitu. Huma reġa' bdielhom u talbuh il-flus lura, iżda billi baqa' ma wasalx, aċċettaw li jagħtihom xogħol b'kemm jilħaq l-imsemmi depożitu. Billi lanqas f'dan l-imħarrek ma wasal, l-atturi appaltanti issa jridu l-ħlas tal-imsemmi depożitu;

Illi l-imħarrek jilqa' billi jgħid li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex l-atturi naqsu li jitolbu li l-Qorti tħoll il-kuntratt jew li tagħtih żmien biex iwettaq dak li ntrabat li jagħmel qabel tħoll l-appalt. Jilqa' wkoll billi jgħid li l-azzjoni saret qabel waqtha għaliex jiċħad li qatt irċieva l-ittra li biha l-atturi qalulu li temmew l-appalt, u saħansitra jgħid li l-atturi nfushom qabbduh ikompli x-xogħol żmien wara li kienet suppost intbagħtet dik l-ittra. Itemm jgħid li, f'kull każ, l-atturi ma kellhomx raġuni tajba biex itemmu l-appalt;

Illi b'sentenza preliminari mogħtija fit-2 ta' Ottubru, 2000, din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek, bl-ispejjeż kontrih;

Illi għal dak li huma <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li f'xi żmien lejn l-aħħar tal-1997, l-imħarrek tqabbad mill-atturi biex jagħmlilhom xi għamara għad-dar tagħhom. Dak inhar qalulu x'riedu u tawh depożitu ta' elfejn lira Maltin (€4,658.75 fi flus tal-lum) liema ħlas sar b'*cheque*. L-imħarrek ressaq disinji ta' dak li kien intalab jagħmel u l-attur iffirmahom[10]. L-ordni saret bil-fomm u l-prezz sħiħ tax-xogħol mitlub kellu jitla' għal ftit aktar minn erbat elef u sitt mitt lira Maltija. Il-materjal kellu jixtrih l-imħarrek;

Illi l-għada li saret l-ordni, l-atturi reġa' bdielhom u wrew tħassib dwar jekk l-imħarrek kienx se jasal, u wara li ppruvaw ikellmu lill-imħarrek, ċemplu lill-fergħa tal-bank

[10] Dokti "AE1" sa "AE5" u "RB1" sa "RB5", f'paġġ. 73 – 7 u 98 sa 101 tal-proċess

tagħhom biex iżommu l-ħlas taċ-*cheque* iżda għarrfuhom li l-imħarrek kien diġa' sarrfu;

Illi l-atturi jgħidu li għamluha ċara mal-imħarrek li riedu jħassru l-ftehim, u li hu qabel li jroddilhom lura d-depożitu. L-imħarrek, min-naħa tiegħu, jgħid li meta sar jaf l-ewwel darba li l-atturi riedu jħassru l-ftehim, hu kien diġa' xtara parti mill-materjal li kellu juża għall-ordni tagħhom, u billi huma riedu l-għamara tal-ballut kellu jixtriha apposta għalihom, għaliex dak iż-żmien kien jaħdem biss għamara tal-arżnu[11];

Illi billi l-imħarrek ma kienx f'qagħda li jroddilhom lura l-ħlas li kien sarlu, l-atturi kellhom jaċċettaw proposta li, għall-anqas, dak li ħallsu jingħatalhom f'xogħol[12];

Illi l-imħarrek baqa' ma tax ix-xogħol li wiegħed, għalkemm huwa jgħid li x-xogħol kien bdieh. Fi Frar tal-1998, l-imħarrek waslitlu ittra mibgħuta mill-avukat tal-atturi biex tikkonfermalu li huma kienu qegħdin iħassru l-appalt u talbuh iroddilhom lura d-depożitu li kienu ħallsuh[13];

Illi l-kawża nfetħet f'Novembru tal-1998;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbuta mal-każ jaqgħu fuq jekk kienx hemm raġuni tajba biex l-atturi jwaqqfu l-appalt mogħti lill-imħarrek;

Illi l-liġi trid li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun inbeda diġa'[14]. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm[15]. Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija deroga għall-prinċipju ewlieni li, f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' minn rajha taqbad u tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti oħra[16]. Fi kliem ieħor, il-

[11] Affidavit tal-imħarrek f'paġġ. 96 – 7 tal-proċess
[12] Xhieda tal-attur 29.4.2002, f'paġ. 137 tal-proċess
[13] Dokti "AB" u "RB6" f'paġġ. 37 u 104 tal-proċess
[14] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[15] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[16] Kumm. **21.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Morana et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.716**)

liġi tagħti din l-għażla unilaterali lill-kommittent biss imqar jekk dan jiddeċidi li jtemm l-appalt għal kull raġuni li jfettillu[17];

Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "*tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessita` di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso* ad nutum, *che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento*"[18];

Illi madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utitlita' li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt[19]. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu[20];

Illi **dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm,** jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida"

[17] App. Kumm. **14.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Accountant General et vs Ellul Sullivan noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.538**)
[18] Cassazione **14.6.1972** no. 1870
[19] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[20] Art. 1640(2) tal-Kap 16

wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur;

Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent. Iżda jekk kemm-il darba l-kommittent minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-kommittent ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[21] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2);

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li fejn l-appaltatur ma jwettaq jew ma jikkonsenja xejn mix-xogħol lilu ordnat, dan ifisser inadempiment tal-kuntratt mogħti. F'każ bħal dan, jekk kemm-il darba l-kommittent iseħħlu juri li l-appaltatur tassew naqas milli jwettaq l-appalt mogħti lilu, huwa jista' jtemm l-appalt bla ma jaqa' fis-sanzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[22]. U meta l-appaltant, fuq raġuni tajba, ikun temm il-kuntratt u għarraf lill-appaltatur b'dik id-deċiżjoni tiegħu, il-kuntratt jinħall

[21] Art. 1068 tal-Kap 16
[22] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***

minnufih mal-għoti ta' dak l-avviż bla ma jkun meħtieġ li l-Qorti tawtorizża jew tikonferma tali deċiżjoni[23]. Jidher għalhekk li, meta l-appaltant jagħżel li jtemm qabel waqtu kuntratt ta' appalt u jagħti lill-appaltatur iż-żmien ta' avviż, ma tibqax aktar il-kwestjoni ta' jekk l-appalt intemmx jew le, imma biss jekk ir-raġuni li għaliha l-appaltant sejjisx l-għażla tiegħu fuq raġuni tajba jew le biex iħoll il-kuntratt[24]. B'effett ta' għażla bħal din jiddetermina jekk l-appaltatur ikollux jedd jitlob danni minħabba l-għażla tal-appaltant;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha, l-Qorti ssib li l-atturi taw lill-Qorti prova ta' raġuni tajba għaliex l-appaltatur imħarrek twaqqaf mill-appalt u wrew ukoll li lill-imħarrek kienu għarrfuh kemm bil-fomm u wkoll bil-miktub bid-deċiżjoni tagħhom li jtemmu l-appalt;

Illi, min-naħa tiegħu, għalkemm l-imħarrek xehed li l-għamara miftehma lestiha kollha[25], qatt ma ressaq prova tajba biex juri li dak li qal kien minnu. Lanqas biss ressaq prova dwar kemm, skond hu, kien laħaq nefaq f'xiri ta' njam sewwasew biex jagħmel l-għamara ordnata mill-atturi. Lanqas wera x'għamel b'dik l-għamara li, suppost, kien lesta għall-atturi jew jekk għaddiex biex jiddepożitaha kontra tagħhom. Dan in-nuqqas kollu jwassal lill-Qorti biex issib li l-inadempiment min-naħa tal-appaltatur imħarrek kien sħiħ u għalhekk lanqas iċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 1640(3) ma jistgħu jkunu ta' għajnuna għalih;

Illi, b'mod partikolari, la jista' jingħad li t-talba attriċi saret qabel waqtha u lanqas jista' jingħad li l-atturi naqsu li juru li tassew huma kienu wrew rieda determinata li riedu jtemmu l-appalt. Għalhekk il-Qorti sejra tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrek;

Illi għal dak li jirrigwarda t-talba tal-atturi għall-imgħax, ladarba ma ntweriex li qabel fetħu din il-kawża l-atturi kienu interpellaw lill-imħarrek b'xi att ġudizzjarju, l-imgħax għandu jibda jgħodd minn dak inhar li l-imħarrek laqa' n-

---

[23] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[24] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***
[25] Affidavit tiegħu, f'paġ. 96 tal-proċess

notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni.  Fil-każ tal-lum, jirriżulta li dan ġara fl-14 ta' Jannar, 1999[26];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba** fid-dawl tad-degriet mogħti fit-3 ta' Frar, 1999;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi ssib li l-atturi kellhom raġuni tajba biex iħassru l-appalt mogħti minnhom lill-imħarrek u għalhekk tikkundanna lill-istess imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€4,658.75**),** flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-14 ta' Jannar, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[26] Riferta f'paġ. 12 *tergo* tal-proċess